MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 345/2010

**Emanuel Falzon – ID 83656M**

**vs**

**1. Pietru Pawl Busuttil bhala Sindku u Jason Rene Cutajar bhala Segretarju Amministrattiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' Hal Safi**
**2. Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq**
**3. Korporazzjoni Enemalta**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

1. Dan l-AVVIZ hu dwar hsara ammontanti ghal tlett elef, erba' mija u disghin Ewro (€3,490.00c) li l-attur jghid li garrab fil-mini-bus tieghu nru GMY 065 fil-lejl tal-21 ta' Jannar 2006 fi Triq il-Karwija, limiti Safi. Dwar din il-hsara hu qed JITLOB kundanna kontra tliet Intimati (jew min minnhom). Dawn l-intimati huma l-Kunsill Lokali ta' Hal

Safi, id-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq u l-Korporazzjoni Enemalta.

2. Il-Kunsill Lokali ta' Hal Safi fir-Risposta tieghu qal hekk:-
i) Preliminarjament, il-vertenza ga giet deciza permezz ta' lodo arbitrali.
ii) Il-Kunsill mhux il-legittmu kontradittur
iii) Ebda ammont mhu dovut lill-attur.
3. Id-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq fir-RISPOSTA tieghu irrespinga l-pretensjonijiet tal-attur u, barra dan, zied jikkontesta d-danni reklamati.

4. Da parti tal-Korporazzjoni Enemalta tressqet RISPOSTA li d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Korporazzjoni ma kellha ebda htija.

II PROVI
5. Fl-udjenza tal-31 ta' Mejju 2010 xehdet Dr. Fiona Galea Farrugia tac-Centru ghall-Arbitragg li esibiet bhala Dok FGF1 l-atti tal-process tal-Arbitragg nru M1466/08 fejn l-Arbitru kien Dr. Richard Galea Debono u l-*handwriting* fl-atti hi tieghu. F'din l-udjenza, li ghaliha kienu prezenti d-difensuri kollha, gie verbalizzat "id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhom aktar provi x'ipproducu".

6. Wara ordni ta' dan it-TRIBUNAL kif presedut, moghtija fl-udjenza fit-2 ta' Marzu 2011 Dr. Fiona Galea Farrugia esibiet, bhala Dok GF kopja dattilografata tax-xhieda fl-atti tal-Arbitragg imsemmi.

III KONSIDERAZZJONIJIET
7. It-TRIBUNAL iqis li l-ewwel m'ghandu jiddisponi hu mill-ewwel eccezzjoni li hemm fir-RISPOSTA tal-Intimati Sindku u Segretarju Esekutiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' Hal Safi. Din tghid hekk:-
*Il-vertenza intavolata mill-attur diga giet deciza u ghaddiet in gudikat permezz tal-lodo arbitrali li ser tigi esibit fl-atti*

8. Fil-fatt dan il-*lodo* hu dwar l-istess incident mertu tal-kawza prezenti, jigifieri l-hsara li sofriet il-minibus nru GMY 065 tal-attur fil-lejl tal-21 ta' Jannar 2006 fit-Triq il-Karwija, kontrada ta' Hal Safi.

9. Dak il-*lodo*, moghti mill-Arbitru Dr. Richard Galea Debono fl-atti tal-Arbitragg M1446/08, imdahhal fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fit-28 ta' Marzu 2008, jikkoncerna l-istess partijiet li huma fil-kawza quddiem dan it-TRIBUNAL. Dak il-*lodo* izda, ma ddisponiex mill-mertu tal-kaz imressaq quddiemu. Iddecieda biss billi "ex ufficio" (bla ma kienet il-haga tqanqlet qabel) astjiena milli jiehu konjizzjoni tal-kaz. Dan ghamlu ghax deherlu li l-mertu, hsara fuq vettura "ma kienetx ikkawzata bl-intervent ta' vettura ohra, imma mill-istat hazin tat-triq in kwistjoni".

10. Darba hu hekk, ma jistax jinghad li t-TRIBUNAL qed jigi mitlub jiddeciedi haga li hi ga deciza. Anzi l-Arbitru ghamilha cara li hu kien qed "ex ufficio" jiddeciedi biss il-kwistjoni tal-kompetenza o meno tieghu. Zied jghid, l-Arbitru, li "dan il-kaz ma jaqax taht il-kompetenza tal-arbitragg mandatarju izda fil-kompetenza tat-tribunali ordinarji jew it-Tribunal ghall-Talbiet Zghar (skond il-valur)

11. Dwar il-mertu, saret mill-partijiet fil-kawza odjerna riferenza integrali ghall-provi migjuba quddiem fl-atti tal-Arbitragg imsemmi.

12. Jirrizulta car li l-attur sofra hsara, mhux bi htija tieghu imma kagun tal-istat hazing tat-triq tal-Karwija. Il-vettura kellha dawl "bright" u f'hin minnhom sabet ruhha f'ghadira ilma fi telghalha sa mal-makna tal-konsegwenza tal-hsara lamentata'. Fir-rigward ix-xhud Alfred Borg, ikkonferma l-hsara fil-makna minhabba "flooding" u kkonferma l-*quantum* tal-ispiza.

13. Fil-fehma tat-TRIBUNAL ma jidhirx li l-Enemalta kellha xi htija ghal dak li sehh izda ma jistax jinghad (u hawn it-TRIBUNAL hu gwidat ukoll minn principji ta' ekwita' kif obligat jaghmel) l-istess fil-konfront taz-zewg Intimati ohra, jigifieri Kunsill Lokali Safi u d-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq. Mhux car li t-triq in kwistjoni taqa

taht il-harsien esklusiv tal-Kunsill Lokali Safi. L-istess Kunsill kellu wkoll jissikka lid-Drettorat biex jittiehdu passi rimedjali ghax l-ghadajjr fit-toroq tal-lokalita' ta' Hal Safi mhux haga li dwahom il-Kunsill jghid: din niehu hsiebha jien u l-ohra jiehu hsiebha d-Dirètorat u jieqaf hemm. Da parti tad-Direttur tat-Toroq jinghad ukoll li ma rrizultax li t-triq in kwistjoni taqa taht l-obligu esklusiv tal-Kunsill ta' Hal Safi. Triq il-Karwija, fis-sura taghha anzi ggieghlek tahseb mod'iehor. In vista ta' dan, jittenna anke b'sens ta' ekwita', it-TRIBUNAL qed isib liz-zewg entitajiet imsemmija responsabbli "in solidum" bejniethom.

IV DECIZJONI

In vista ta' dak migjub hawn fuq it-TRIBUNAL jiddeciedi hekk:-

(1) **Jichad** l-eccezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali ta' Hal Safi fejn din tirrigwarda l-*lodo* arbitrali mesmmi fl-istess eccezzjoni, (2) **jichad** it-talba tal-attur in kwantu diretta kontra l-Korporazzjoni Enemalta (3) **jilqa** t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra Pietru Pawl Busuttil bhala Sindku u kontra s-Segretarju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Hal Safi u kontra d-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq (4) **jillikwida** d-danni mgarrba mill-attur fil-*quantum* ta' tlett elef, erba' mija u disghin Ewro (€3,490.00c) (5) **jikkundanna** lil Pietru Pawl Busuttil bhala Sindku u lis-Segretarju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Safi in rapprezentanza tal-istess Kunsill u lid-direttur tad-Dipartiment tat-Toroq *in solidum* bejniethom biex ihallsu lill-attur il-quantum imsemmi ta' €3,490.00c flimkien mal-imghax skond il-ligi u dana mill-15 ta' Marzu 2010 (il-jum li fiha dahlet l-ahhar RISPOSTA tal-konvenuti kundannati) sal-jum tal-pagament effettiv u (6) **jikkundanna** lill-konvenuti kundannati msemmija biex ihallsu l-ispejjes kollha tal-kawza in solidum barra dawk tal-Enemalta li ghandha taghmel tajjeb ghalihom hi stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------